

**ASSOĊJAZZJONI  
BEJN  
L-UNJONI EWROPEA  
U L-IŻRAEL**

Il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni

**Brussell, 25 ta' Jannar 2022  
(OR. en)**

**UE-IL 2903/22**

**ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

---

Suġġett: RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUNSILL TA' ASSOĊJAZZJONI UE-IŻRAEL  
li tapprova l-estensjoni tal-Pjan ta' Azzjoni UE-Iżrael [2022/...]

---

**RAKKOMANDAZZJONI Nru .../2022 TAL-KUNSILL TA' ASSOĊJAZZJONI UE-  
IŻRAEL**

**ta'...**

**li tapprova l-estensjoni tal-Pjan ta' Azzjoni UE-Iżrael [2022/...]**

IL-KUNSILL TA' ASSOĊJAZZJONI UE-IŻRAEL,

Wara li kkunsidra l-Ftehim Ewro-Mediterranju li jstabilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Istat ta' Iżrael, min-naħa l-oħra<sup>1</sup>,

---

<sup>1</sup> ĠU KE L 147, 21.6.2000, p. 3.

Billi:

- (1) Il-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Istat ta' Iżrael, min-naħa l-oħra ("il-Ftehim Ewro-Mediterranju") ġie ffirmat fi Brussell fl-20 ta' Novembru 1995 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2000.
- (2) L-Artikolu 69 tal-Ftehim Ewro-Mediterranju jagħti s-setgħa lill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni li jieħu deċiżjonijiet u jagħmel rakkomandazzjonijiet xierqa.
- (3) L-Artikolu 10 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jistipula l-possibbiltà li jittieħdu deċiżjonijiet jew isiru rakkomandazzjonijiet permezz tal-proċedura bil-miktub bejn is-sessjonijiet, jekk il-Partijiet jaqblu li jsir dan.
- (4) L-estensjoni tal-Pjan ta' Azzjoni UE-Iżrael bi tliet snin ser tagħti opportunità lill-Partijiet biex jagħmlu progress fil-kooperazzjoni tagħhom fis-snin li ġejjin, inkluż permezz tal-possibbiltà li jiġu negozjati prijoritajiet ta' sħubija,

ADOTTA R-RAKKOMANDAZZJONI LI ĠEJJA:

*Artikolu 1*

Il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni, permezz tal-proċedura bil-miktub, jirrakkomanda li l-Pjan ta' Azzjoni UE-Iżrael jiġi estiż bi tliet snin mid-data tal-adozzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni.

*Artikolu 2*

Din ir-Rakkomandazzjoni għandha ssir effettiva fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

*Għall-Kunsill ta' Assoċjazzjoni UE-Iżrael*  
*Il-President*

---